31988D0356

28.6.1988 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 161/12

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-7 ta' Ġunju 1988
li taċċetta, għan-nom tal-Komunità, l-Anness E.4 għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni ta' Proċeduri Doganali

(88/356/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 43, 113 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1];

Billi, bid-Deċiżjoni Nru 75/199/KEE [2], il-Komunità kkonkludiet il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni ta' Proċeduri Doganali;

Billi l-aċċettazzjoni ta' l-Annessi għall-Konvenzjoni Internazzjonli dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni ta' Proċeduri Doganali effettivament tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ internazzjonali fil-merkanzija;

Billi l-Anness E.4 li jikkonċerna r-rimborż doganali jista' jiġi aċċettat mill-Komunità;

Billi l-aċċettazzjoni għandha, madanakollu, tkun akkumpanjata minn ċerti riservi biex jieħdu in konsiderazzjoni il-ħtiġiet speċifiċi ta' l-unjoni doganali u ta' l-istadju korrentement milħuq fl-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni doganali,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

l-Anness E.4 għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali, li jikkonċerna r-rimborż doganali, hu hawnhekk aċċettat għan-nom tal-Komunità, soġġett għal riserva ta' natura ġenerali u riserva fir-rigward ta' l-i*standard* 5.

It-test ta' l-Anness E.4, flimkien mar-riservi, hu anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna mogħtija s-setgħa li tinnotifika s-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' Koperazzjoni Doganali bl-aċċettazzjoni mill-Komunità, soġġett għar-riservi msemmija fl-Artikolu 1, ta' l-Anness li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 1.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-7 ta' Ġunju 1988.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BANGEMANN

---

[1] ĠU C 167, tas-27.6.1988.
[2] ĠU L 100, tal-21.4.1975, pġ. 1

ANNESS E. 4

L-ANNESS LI JIKKONĊERNA R-RIMBORŻ DOGANALI

INTRODUZZJONI

Meta l-materjali importati li kellhom imposti fuqhom dazji u taxxi ta' l-importazzjoni huma soġġetti għall-fabbrikazzjoni jew għall-ipproċessar (jew f'ċerti ċirkostanzi, għat-tiswija) u huma mbagħad esportati, jistgħu ħafna drabi jkunu offerti għall-bejgħ fi swieq barranin bi prezzijiet iktar kompetittivi jekk id-dazji fuq l-importazzjoni u t-taxxi huma rifużi waqt l-esportazzjoni. Il-proċedura ta' rimborż doganali tipprovdi faċilitajiet għal din ir-rifużjoni.

Ladarba, madanakollu dawn ir-rifużjonijiet jistgħu jinkoraġġixxu l-importazzjoni ta' oġġetti barranin li hemm ekwivalenzi għalihom disponibbli minn egħjun domestiċi, xi restrizzjoni fuq l-għoti ta' din ir-rifużjoni tista' tiġi kkunsidrata neċessarja fejn għandhom x'jaqsmu ċerti kategoriji ta' oġġetti jew operazzjonijiet partikolari ta' pproċessar jew fabbrikazzjoni. L-estent li għalih l-iżvantaġġ jingħata jkollu jiġi speċifikat kif neċessarju mill-pajjiżi individwali.

Dan l-Anness ma jkoprix biss l-għoti ta' rimborż doganali f'każijiet fejn l-oġġetti ikunu ġew ipproċessati, fabbrikati jew imsewwija, imma wkoll il-possibbiltà ta' l-għoti ta' rimborż doganali f'każijiet fejn l-oġġetti ikunu ġew importati u huma sussegwentement ri-esportati fl-istess kondizzjoni. L-Anness, madanakollu, ma jkoprix ħlas lura magħmul abbażi ta' ekwità, per eżempju, meta l-oġġetti huma rritornati lill-fornitur bħala li mhumiex skond il-kuntratt. L-Anness lanqas ma jkopri ħlas lura fuq l-esportazzjoni ta' dazji u taxxi oħra apparti minn dazji u taxxi ta' l-importazzjoni.

TIFISIRIET

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) Il-kliem "proċedura ta' rimborż doganali" ifissru l-proċedura doganali li, meta l-merkanzija hi esportata, tipprovdi għal rifużjoni (totali jew parzjali) li għandha ssir fejn għandhom x'jaqsmu d-dazji u t-taxxi ta' l-importazzjoni imposti fuq il-merkanzija, jew fuq materjali li jinstabu fihom jew użati fil-produzzjoni tagħhom;

(b) Il-kliem "rimborż doganali" jfissru l-ammont ta' dazji u taxxi fuq l-importazzjoni mħallsa lura taħt il-proċedura ta' rimborż doganali;

(ċ) Il-kliem "dazji u taxxi fuq l-importazzjoni" jfissru d-dazji taddwana u d-dazji, taxxi, miżati jew imposti l-oħrajn kollha li jinġabru ma', jew in konnessjoni ma', l-importazzjoni talmerkanzija, imma li ma jinkudux miżati u imposti li huma limitati fl-ammont għall-ispejjeż bejn wieħed u ieħor tas-servizzi mogħtija.

IL-PRINĊIPJU

1. *Standard*

Id-disposizzjonijiet ta' rimborż doganali għandhom ikunu rregolati mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness.

L-ISKOP

2. *Standard*

Il-Leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika l-każijiet fejn l-rimborż doganali jista' jintalab u l-kondizzjonijiet li taħthom jitħallas.

Nota 1

Il-każijiet fejn rimborż doganali jista' jintalab jistgħu jiġu speċifikati b'referenza għal ċerti oġġetti jew klassijiet ta' oġġetti jew għal ċerti kazi ta' użu ta' oġġetti. Rimborż doganali jista' wkoll ikun ristrett għal ċerti kategoriji ta' dazji u taxxi fuq l-importazzjoni jew f' każijiet fejn l-oġġetti jkunu ġew ipproċessati, iffabbrikati jew imsewwija jew użati f'modi awtorizzati oħrajn. Rimborż doganali fejn għandhom x'jaqsmu oġġetti użati fil-produzzjoni ta' oġġetti esportati ma jestendix normalment għal sempliċi għajnuniet għal fabbrikazzjoni, bħal lubrikanti, imma jista' japplika għall-iskart jew telf li jirriżulta minn din il-fabbrikazzjoni.

Nota 2

Ir-Rifużjonijiet taħt il-proċedura ta' rimborż doganali mhumiex mogħtija f'każijiet fejn d-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni kienu, jew ser ikunu, mħallsa lura taħt disposizzjonijiet oħrajn.

3. *Il-prattika rakkomandata*

Il-proċedura ta' rimborż doganali għandha wkoll tiġi applikata f'każijiet meta l-oġġetti jew il-materjali li kellhom imposti fuqhom dazji u taxxi fuq l-importazzjoni jkunu ġew issostitwiti minn oġġetti ekwivalenti jew materjali użati fil-fabbrikazzjoni jew fil-produzzjoni ta' oġġetti esportati.

KONDIZZJONIJIET LI GĦANDHOM JIĠU SODISFATTI

4. *Standard*

Il-partijiet interessati għandhom iżommu rekords jew il-kontijiet ta' ħażniet li jagħmlu possibbli l-validità tat-talba għar-rimborż doganali tiġi vverifikata.

5. *Standard*

Meta hu magħruf jew antiċipat fil-ħin ta' l-importazzjoni ta' l-oġġetti għall-użu fid-dar li rimborż doganali ser jintalab, id-dikjarant jista' jkun meħtieġ, sabiex tkun iffaċilitata talba iktar tard, jiddikjara din l-intenzjoni; madankollu, ħlas ta' rimborż doganali m'għandux jinżamm sempliċiment għaliex din id-dikjarazzjoni ma saritx, u lanqas ma għandha l-esportazzjoni tkun meħtieġa minħabba dikjarazzjoni bħal din.

Nota

Id-dwana tista' tinħtieġ li oġġetti li fuqhom għandu jintalab rimborż doganali tiġi ssegregata minn oġġetti oħra jew jiġu pproċessati jew iffabbrikati taħt is-superviżjoni tad-dwana.

IT-TUL TA' ŻMIEN TA' L-OĠĠETTI FIT-TERRITORJU DOGANALI

6. *Standard*

Meta hu ffissat limitu ta' żmien għall-esportazzjoni ta' l-oġġetti li lil hinn minnu ma jikkwalifikawx iktar għal rimborż doganali, għandu jittieħed kont dovut fl-iffissar tali limitu tan-natura ta' l-ipproċessar jew tal-fabbrikazzjoni li għalihom l-oġġetti jistgħu jkunu soġġetti, u tal-fatturi kummerċjali jew dawk oħrajn involuti.

7. *Prattika Rakkomandata*

Meta hu ffissat limitu ta' żmien għall-esportazzjoni ta' l-oġġetti, dan għandu, fuq talba, jiġi estiż jekk ir-raġunijiet huma meqjusa validi mill-awtoritajiet tad-dwana.

DIKJARAZZJONI FUQ L-ESPORTAZZJONI U T-TALBA GĦAL RIMBORŻ DOGANALI

8. *Standard*

Dikjarazzjoni ta' esportazzjoni dwear rimborż doganali akkumpanjata minn dokumenti ta' sostenn għandha tiġi ddepożitata f'uffiċċju tad-dwana kompetenti.

9. *Prattika Rakkomandata*

Fuq it-talba ta' l-esportatur, u għal raġunijiet meqjusa validi, l-awtoritajiet tad-dwana għandhom, sa fejn hu possibbli, jippermettu li oġġetti għall-esportazzjoni jiġu eżaminati f'sit privat, l-ispejjeż involuti f'tali eżami bħal jitħallsu mill-esportatur.

L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu huma stess jinħtieġu li l-oġġetti għall-esportazzjoni jiġu prodotti għall-eżami f'sit privat.

10. *Prattika Rakkomandata*

Fejn l-esportazzjoni ta' l-oġġetti taħt il-proċedura ta' rimborż doganali hi kkontrollata permezz tar-reġistrazzjonijiet ta' l-esportatur, il-produzzjoni ta' l-oġġetti waqt l-esportazzjoni għandha normalment tiġi eżentata.

11. *Standard*

It-talba għal rimborż doganali għandha tikkomprendi (jew tipprovdi fid-dokumenti li jkun hemm magħha) dik il-prova hekk kif meħtieġa biex turi li l-kondizzjonijiet stabbiliti għall-ħlas ta' rimborż doganali ġew issodisfatti.

Nota

Id-dettalji li jistgħu jkunu meħtieġa mill-awtoritajiet doganali għall-ħlas ta' rimborż doganali jinkludu dawn li ġejjin:

(a) min jagħmel it-talba;

(b) it-tneħħija inizjali ta' l-oġġetti għall-użu fid-dar (per eżempju, in-numru u d-data tad-dikjarazzjoni ta' l-oġġetti għall-użu fid-dar);

(ċ) id-dazji u t-taxxi ta' l-importazzjoni mħallsa;

(d) in-natura jew id-deskrizzjoni tat-tariffa, u l-kwantità ta' l-oġġetti;

(e) l-użu, l-ipproċessar jew il-fabbrikazzjoni li għalihom ġew soġġetti l-oġġetti;

(f) dettalji dwar l-esportazzjoni.

12. *Prattika Rakkomandata*

Meta jkun iffissat limitu ta' żmien li lil hinn minnu talbiet għal rimborż doganali ma jkunux aċċettati, għandha ssir disposizzjoni għall-estenzjoni tiegħu għal raġunijiet kummerċjali jew oħrajn meqjusa bħala validi mill-awtoritajiet tad-dwana.

ĦLAS TA' RIMBORŻ DOGANALI

13. *Standard*

Rimborż doganali għandu jitħallas malajr kemm jista' jkun wara li t-talba tkun ġiet ivverifikata.

14. *Prattika Rakkomandata*

Rimborż doganali għandu wkoll jitħallas fuq id-depożitu tal-oġġetti f'maħżen doganali bil-kundizzjoni li għandhom sussegwentement jiġu esportati.

15. *Prattika Rakkomandata*

L-awtoritajiet tad-dwana għandhom, jekk hekk mitluba, jħallsu rimborż doganali perjodikament, fuq oġġetti esportati tul perjodu speċifikat.

INFORMAZZJONI LI TIKKONĊERNA R-RIMBORŻ DOGANALI

16. *Standard*

L-awtoritajiet tad-dwana għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kollha rilevanti li għandha x'taqsam mal-proċedura ta' rimborż doganali hi faċilment disponibbli għal kull perusna interessata.

Kummentarji u riservi li għandhom jiġu iskritti mill-Komunità fejn għandu x'jaqsam l-Anness E. 4 għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni ta' Proċeduri Doganali

1. *Riserva Ġenerali (rimarka ġenerali)*

Il-leġislazzjoni Komunitarja ġeneralment tkopri d-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness. Madanakollu, f'żoni mhux koperti mill-leġislazzjoni Komunitarja, l-Istati Membri jagħmlu iskrizzjoni tar-riservi tagħhom proprji, jekk neċessarju.

2. *Standard* 5

Id-dikjarazzjoni għal rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa għandha tikkomprendi ċerti dettalji li jirrigwardaw l-użu tas-sistema ta' l-ipproċessar lejn il-pajjiz ta' arranġamenti ta' eżenzjoni-rimborż doganali. Barra minn hekk, l-użu ta' din is-sistema tippreżżupponi li awtorizzazzjoni ta' l-ipproċessar lejn il-pajjiz ġiet maħruġa jew, f'ċerti każijiet, mitluba qabel ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa.